MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2006

Numru. 880/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)
vs

Shawn Risiott
Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Shawn Risiott, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'diversi xhur fis-sena 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM 3500) ghad-dannu ta'

Godwin Manche minn Pembroke u qligh ta’ elfejn u hames mitt lira (LM 2500) ghad-dannu ta’ Kenneth Camilleri minn Santa Venera;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM3,500) ghad-dannu ta’ Godwin Manche minn Pembroke u elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500) ghad-dannu ta’ Kenneth Camilleri minn Santa Venera, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundunna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, wissietu bil-konsegwenzi skond il-ligi ta’ tali ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jerga jikkunsidra u ipposponiet il-kawza ghal dan il-fini.

Meta regghet issejjhet il-kawza, l-imputat tenna li kien hati ta’ l-akkuzi.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni volontarja, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 17 tal-Kap. 9.

Il-Qorti rat ukoll ghal fini ta’ piena l-fatt illi l-hati ma ghandux fedina penali allarmanti, il-fatt illi ikkoppera mal-pulizija u irregistra ammissjoni bikrija u diga irrifonda l-ammont ta’ hames mitt lira (LM 500) lil Kenneth Camilleri.

Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-hati ghal prigunerija ta’ tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap. 9.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur millum ihallas lil Godwin Manche is-somma ta' LM 3,500 u ihallas lil Kenneth Camilleri is-somma ta' LM 2,000. Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jonqos milli jobdi din id-direttiva.

Il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 392 A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti u kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------